MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Numru. 929/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Philip Cassar, iben John, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ settembru, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-16 ta’ luju, 2005, għal ħabta tal-4.55 p.m. ġewwa Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara u f’inħawi oħra f’dawn il-Gżejjer –
1. volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe’ vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni RUN 009, għad-dannu ta’ Ronnie (Renato) Mallia liema ħsara ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (Lm164) imma iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50);

2. talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Saviour Mallia (Identity card no. 786934(M)), anzjan ta' aktar minn sittin (60) sena, liema feriti huma ta' natura ħafifa, kif iċċertifika Dr. N. Aquilina M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
3. talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Ronnie Mallia liema feriti huma ta' natura ħafifa, kif iċċertifika Dr. N. Aquilina M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
4. talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat;
5. talli qal kliem oxen u espressjonijiet ta' dagħa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' Ronnie Mallia billi turbot lill-imputat Philip Cassar b'dawk il-kondizzjonijiet li jidrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fis-16 ta' Lulju, 2005 għal ħabta tal-4.55 p.m. l-imputat u missieru riekbu ġol-vettura tagħhom li kienet fil-garage fi Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara. John Cassar, missier l-imputat, kien qed isuq u kien qed ireġġa lura għal ġo din it-triq. Fil-frattemp fit-triq kien hemm karozza tal-għamla Seat Cordoba, bin-numru tar-reġistrazzjoni RUN 009, li kienet misjuqa minn Ronald Mallia. Hu wkoll kien ħareġ il-vettura tiegħu minn ġol-garage fl-istess triq. Din il-vettura kien qed tinblokka l-ħruġ tal-vettura l-oħra. Ronald Mallia kien fuq in-naħa tal-passiġġier ilbess is-'safety belt' lil missieru, Saviour Mallia, għaliex dan ma setgħax jaqfilha mingħajr assistenza. John Cassar daqq il-horn tnejn jew tlett darbiet.

Illi l-versjoni tal-imputat u ta missieru hi illi Ronald Mallia beda jgħajjat iżda ftit wara saq mingħajr ma ġara xejn.

Illi l-versjoni ta' Ronald Mallia u ta' Saviour Mallia hi ftit differenti. It-tnejn jaqblu li kemm l-imputat, kif ukoll missieru John Cassar, nieżlu mill-vettura tagħhom. John Cassar attaka lil Ronald Mallia u l-imputat attakka lil Saviour Mallia li kien għadu fil-karozza. Minbarra dan, dejjem skond il-versjoni ta' Ronald u Saviour Mallia, l-imputat beda jagħti fuq il-vettura ta' Ronald Mallia u ikkawża ħsara li tlaħħaq is-somma ta' Lm164.

Illi in sostenn tal-versjoni ta' Mallia ġew eżebiti fl-atti ta' din il-kawża żewġ certifikati mediċi li jindikaw li ż-żewġ Mallia sofrew feriti ta' natura ħafifa.

Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti l-unika ħaġa li ma ġietx kontestata huma ċ-ċertifikati mediċi. Il-ħsara ġiet kontestata, anżi skond l-imputat u missieru, ta' l-ewwel lanqas biss nieżel mill-karozza għaliex ma setgħax joħroġ billi t-triq hi dejqa u l-vettura tagħhom kienet qed tross ma vettura oħra. Ronald Mallia xehed li kien hemm ċertu Dione Grech preżenti iżda din il-persuna li setgħat titfa dawl indipendenti fuq l-inċident qatt ma ġiet toffri x-xhieda tagħha.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-uniċi żewġ fatti li ġew pruvati huma li kien qed ksur tal-bon ordni u li Saviour Mallia sofra feriti ta' natura ħafifa li ġew inflitti mill-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi. Issibu ħati tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn euro (€200).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------